KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 11

**Il-Ħamis 23 ta' April 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-5:45 ta' filgħaxija. Minħabba restrizzjonijiet ta' saħħa fir-rigward ta' Covid-19, kien hemm qbil li din il-laqgħa għandha terġa' tinzamm permezz ta' Confracall skont id-Direttiva 2/2020 punt 4.5.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 11.1 Qari tal-Apoloġiji

11.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10

11.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

11.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 10 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 11.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku informa li wara li kien avviċinat mill-MEP l-Onor. Miriam Dalli, il-Kunsill kien se jingħata s-servizz ta' erba' ħaddiema sabiex jibdew jagħmlu xogħlijiet madwar l-Imtarfa, fosthom li jagħmlu tindif bi skeda u se nieħdu ħsieb anke li jsir tindif tal-komun pubbliku tal-binjiet il-kbar. Għaldaqstant il-ħaddiema jkunu jistgħu jkomplu fuq xogħlhom.

11.3.2 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-proġett tal-pjazza, il-Kunsill kien f'taħdidiet mal-Ministeru tal-Infrastruttura u Proġetti Kapitali u dawn talbuna niffinalizzaw id-dettalji kollha biex ikunu jistgħu jibbaġittjaw u jippjanaw għall-implimentazzjoni tiegħu. Is-Sindku informa li skont l-estimi tagħna dan il-proġett kien se jiswa madwar €1,160,000.

11.3.3 Is-Sindku informa li ma kienx hemm żviluppi dwar il-mezzanin ta' Triq it-Torri tal-Arloġġ. Fil-fatt min-naħa tal-Awtorità tad-Djar, dawn kienu infurmawna li ma jistgħux jikkunsidraw it-talba tagħna sakemm jingħalaq il-każ.

11.3.4 Is-Sindku irraporta wkoll li ma kienx hemm żviluppi dwar l-art ta' quddiem il-*gym*.

11.3.5 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-parkeġġ ta' Binja Qlejgħa, kien qed isir *survey* taż-żona tal-parkeġġ kollu biex imbagħad ikun jista' jinħareġ BOQ biex jiġi mgħoddi lill-HA.

11.3.6 Is-Sindku informa li bi pjaċir qed iħabbar li kien ġie approvat skambju b'fondi tal-UE.

11.3.7 Is-Sindku informa li skont informazzjoni li twaslitlu, kienet inxtrat biċċa sostanzjali mill-bosk u fil-preżent, ix-xerrejja kienu qed jagħmlu xogħol estensiv taħt l-irdum u fuq wara tal-istess bosk. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jissorvelja x-xogħlijiet li jkunu għaddejjin biex nassiguraw li ma jkunx hemm trasgressjonijiet. Sadanittant kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel kuntatt mal-periti biex issir laqgħa fuq il-post dwar il-bosk tan-naħa ta' fuq. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir talba għall-parti ta' ġewwa u l-parti t'isfel tal-bosk.

## 11.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Jannar – Marzu 2020)

11.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-Rapport Finanzjarju permezz tal-*email*.

11.4.2 L-Accountant tal-Kunsill tat spjega tal-kontenut u infurmat li għalkemm il-Kunsill kien qed jantiċipa li s-sitwazzjoni tkun ta' *break even*, fl-ewwel kwart kienet ġiet irreġistrata *surplus* ta' €1812.

11.4.3 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li kien hemm xi servizzi li twaqqfu temporanjament minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid u għaldaqstant dawn kollha setgħu affetwaw l-ispiża tal-Kunsill.

## 11.5 Kwistjoni ma' GreenMT fir-rigward tal-ġbir tal-borża l-griża

11.5.1 Is-SE infurmat li l-GreenMT kienet infurmatha li kienet se twaqqaf il-ġabra tal-borza l-griża b'mod temporanju mit-8 ta' Mejju. Hija kienet kitbet lid-Dipartiment fir-rigward u din il-problema ġiet eskalata mal-Ministeri kkonċernati kif ukoll mal-AKL iżda d-deċiżjoni finali kienet li kull Kunsill individwali għandu jew iwaqqaf is-servizz inkella jħallsu hu. Hija kellha tinforma lill-GreenMT sa nofsinhar tal-Ġimgħa bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

11.5.2 Fid-dawl tat-titjib kbir li sar fir-rigward tal-ġabra tal-borża l-griża, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jħallas hu sakemm is-sitwazzjoni terġa' tiġi għan-normal. Il-Kunsill kien se jipprova jimxi bir-rata li kienet inkluża fit-tender tal-ġbir ta' skart (€61.96 + VAT).

## 11.6 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/008/2019 (*Supply of luminaires and light fittings at Visitors Centre*)

11.6.1 Is-SE infurmat li ma kienet saret l-evalwazzjoni ta' din l-offerta. Kien hemm biss offerent wieħed u dan kien tqis bħala *compliant* u għaldaqstant skont ir-rapport li ġie preparat, kien qed jiġi rrakkomandat li jiġi aċċettat min-naħa tal-bord tal-evalwazzjoni.

11.6.2 Il-Kunsill qabel li jiġi aċċettat dan l-offerent.

11.6.3 Sadanittant infurmat li kienu għaddejjin il-komunikati bejnha, il-kuntrattur tal-bini u l-periti sabiex sa xahar ieħor ikun inbeda x-xogħol neċessarju kollu fir-rigward tat-twaqqigħ tal-kamra u l-bini tal-*interpretation centre*. Hija nfurmat ukoll li kien għadu għaddej ukoll ix-xogħol tar-restawr, għalkemm bil-mod minħabba ċertu restrizzjonijiet tal-Covid, anke fid-dawl li l-ispazju ġot-torri huwa ristrett ħafna.

11.6.4 Hija infurmat ukoll li kienet għadha kif ġiet infurmata li kien se jkun hemm bżonn ta' STO fuq il-lant tax-xogħol u li dan is-servizz ma kienx ġie inkluż għaliex l-obbligu ta' STO kien ħareġ wara li ġie ppubblikat it-*tender*. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha ġġib il-kwotazzjonijiet meħtieġa.

## 11.7 Kommunikazzjonijiet min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

11.7.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li l-attivitajiet li kienu pjanati ġew ikkanċellata jew postposti minħabba l-Covid.

11.7.2 Hija infurmat ukoll li l-kuntratt tal-*contracts manager* kien skada. Hawnhekk kien hawn diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li se jara r-rati tar-Reġjun u jekk ikunu favorevoli, jieħu s-servizz mingħandu.

11.7.3 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li fir-rigward tas-CCTVs, dawn kien se jkollhom sentejn garanzija fuq *maintenance*. Barra minn dan, ir-responsabbiltà tal-cameras li jkunu fuq ġewwa kienet se tkun tal-Kunsill inniffsu, filwaqt li dawk li jitpoġġew fuq barra, kienu se jkunu fir-responsabbiltà tal-LESA.

## 11.8 Punti Oħra

11.8.1 Hawnhekk is-SE xtaqet li, għalkemm il-Kunsilliera kollha kienu mgħarrfa b'dan, titpoġġa *on record* li matul ix-xahar ta' April kollu hija kienet qed taħdem mid-dar filwaqt li l-uffiċċju kien qed jiftaħ biss bejn it-8am u l-11:30am mill-Assistent Prinċipali u waranofsinhar kienet qed tkompli taħdem mid-dar biex ma tagħmilx ġurnata sħiħa waħidha. Hija qalet ukoll li għalkemm ħafna mix-xogħlijiet kienu għadhom għaddejjin, ovvjament kellhom jittieħdu miżuri biex ikun hemm inqas riskji għall-uffiċċju.

11.8.2 Hawnhekk infurmat ukoll li kif semma' s-Sindku, il-Kunsill kellu l-opportunità li jġib numru ta' ħaddiema biex inaddfu l-pjan terran tal-binjiet tal-gvern, il-pjazza, eċċ. Dawn kienu se jibdew nhar it-Tlieta li ġej wara li ħadna ħsieb li nixtru 50 maskla u anke diżinfettant u se jibdew inaddfu binja binja wara li kkuntattjajna lill-amministratur tal-maġġorparti tal-binjiet biex tirranġalna biex xi residenti jipprovdu numru ta' bramel bl-ilma.

11.8.3 Is-SE infurmat li kien hemm tibdil fil-Kap tal-Iskola Primarja u din kienet wasslet talba għal 3 *pots* għal fuq il-bankina ta' Triq Sir Arthur Fremantle. Kellha wkoll talba għal pots fi Triq Gregorio Carafa. Dawn kienu jiswew €95 għal pots twal u €106 għal pots tondi. Kien hemm qbil li nixtru 3 biss għal ħdejn l-iskola. Fir-rigward tal-bankina l-wiesgħa fi Triq Gregorio Carafa, il-Kunsill ma qabilx li għandhom jitpoġġew il-bollard u l-pot. Għall-mistoqsija tas-SE dwar Triq Sir Leslie Rundle, kien hemm qbil li m'għandhomx jitpoġġew pots imma xi tip ta' bollards mat-tul biex ma jitilgħux aktar karozzi tal-linja fuq il-bankina.

11.8.4 Hija infurmat li kien inħareġ il-permess għax-xogħlijiet fuq *culvert* li se jiġi estiż fi Triq l-Imtarfa kantuniera ma' Triq Sir Leslie Rundle, eżattament fejn il-bandli minħabba li dak preżenti ma kienx qed ikollu *catchment* tajjeb. Hija qalet li dan ix-xogħol mistenni li jinbeda fil-ġranet li ġejjin.

11.8.5 Fir-rigward tal-proġett ta' Ġnien is-Sinjura, hija infurmat li t-*tender* tad-dawl kien ġie ffinalizzat u se jiġi ppubblikat l-għada l-Ġimgħa. Hija kienet għamlet ukoll talba lill-PA għal aktar fondi sabiex tara l-possibbiltà li tiġi koperta parti mill-ispiża tal-installazzjoni li kienet se titla' madwar €20,000. Għaldaqstant b'kollox il-proġett ħolistiku f'din iż-żona kien se jwassal għal madwar €53,000, b'madwar €32,611 bħala fondi mill-PA, €13,977 fondi tal-Kunsill u €3,000 mid-DLG. Dawn il-fondi ma jinkludux il-flus mirbuħa mill-iskema tal-

irrigazzjoni. Hija infurmat ukoll li sadanittant il-mastrudaxxa kien lesta anke l-*open free library* u din kienet tpoġġiet fil-binja tal-Kunsill sakemm tkun tista' titwaħħal fil-post.

11.8.6 Is-SE infurmat li kienet għaddiet sena mill-ingaġġ tad-DPO u għaldaqstant talbet li dan il-kuntratt jerġa' jiġġedded. Hija fakkret lill-Kunsill li kellu obbligu legali li jkollu DPO u għaldaqstant kien importanti li jsir it-tiġdid. Il-prezz kien ta' €337.50 fix-xahar. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt jiġi mġedded.

11.8.7 Is-SE fakkret lill-Kunsilliera biex ikunu aktar attivi fuq il-paġna tal-YouSafeMtarfa u biex kemm-il darba jkollhom xi suġġerimenti biex din l-informazzjoni titwassal aħjar jgħadduhomlha.

11.8.8 Is-SE infurmat li kienet għaddiet xi informazzjoni lis-Sur Vince Zammit li kien qed jagħmel ir-riċerka dwar il-ktieb għall-Imtarfa kif ukoll għall-*clip* tal-*interpretation centre*. Kienet għaddietlu wkoll aktar informazzjoni sabiex tintuża għall-mixjiet li se jieħdu ħsieb li jippromwovu l-MTA. Is-Sindku informa li ma kellux ċans iġib il-kwotazzjonijiet dwar il-filmat u li kien se jipprova jaħdem fuq din il-biċċa xogħol fil-ġimgħat li ġejjin.

11.8.9 Is-SE infurmat ukoll li kienu ntbagħtu diversi *emails* għat-twaħħil ta' *rumble strips* però ħadd ma ta risposta lura ħlief mingħand wieħed mis-*suppliers* li informa li kull fejn kienu waħlu minnhom kienu ntalbu li jaqilgħuhom lura minħabba l-ammont ta' storbju li jagħmlu u periklu liċ-ċiklisti. Hija infurmat li sadanittant kienet ġabet ukoll kwotazzjoni għal tpinġija mal-art tal-massimu tal-veloċità. Il-Kunsill qabel mal-marki mal-art iżda possibbilment għandha ssir stencil u l-marki jsiru mill-ħaddiema nfushom.

11.8.10 Fuq mistoqsija tal-Kunsilliera Sammut Dimech kien hemm qbil li għal Jum l-Imtarfa għandhom jintwerew numru ta' filmati antiki li ntwerew waqt attivitajiet preċedenti u jsir filmat qasir tal-komunità u l-entitajiet. Possibbilment għandhom isiru wkoll messaġġi minn kantanti tal-lokal u anke messaġġ min-naħa tas-Sindku.

## 11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

11.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 11.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-**7:30pm** u ġiet aġġornata għall-**Ħamis 28 ta' Mejju** fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-**Ħamis 28 ta' Mejju** 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |